

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 970/2014****tat-12 ta' Settembru 2014****li jemenda r-Regolament (UE) Nru 677/2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-funzjonijiet tan-netwerk tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jip-preskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 551/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-organizzazzjoni u l-użu tal-ispazju tal-arja fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament tal-ispazju tal-arja) <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 551/2004 jistipula li l-funzjonijiet tan-netwerk għandhom jimmiraw li jtejbju l-prestazzjoni ġenerali tan-netwerk tal-ATM u li jappoġġaw inizjattivi fil-livell nazzjonali u tal-blokk tal-ispazju tal-ajru funzjonali.
- (2) Skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 677/2011 <sup>(3)</sup>, il-Kummissjoni kellha tirrevedi l-effikacija tal-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet tan-netwerk sal-31 ta' Diċembru 2013, billi tqis kif xieraq il-perjodi ta' referenza għall-iskema ta' prestazzjoni. L-ewwel revizzjoni wriet il-hteġa ta' titjib f'xi oqsma fil-qafas regolatorju relatat, b'mod partikolari l-kompiti, il-governanza u l-baġit tal-Maniġer tan-Netwerk u r-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi.
- (3) Il-kompiti mogħtija lill-Maniġer tan-Netwerk jeħtieġu programm ta' ħidma multiannwali u baġit relatat, arranġamenti ta' ħidma bejn il-Maniġer tan-Netwerk u l-Maniġer tal-Mobilizzazzjoni, u attivitajiet *ad hoc* biex jiġu dentifikati r-riskji tas-sikurezza fil-livell tan-netwerk. Għalhekk għandhom isiru l-arranġamenti xierqa f'dan ir-rigward.
- (4) L-għanijiet strateġiċi tal-Pjan Strateġiku għan-Netwerk għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni b'mod xieraq fil-pjanijiet tan-negozju mill-partijiet interessati operattivi. Il-proċedura għall-adozzjoni ta' dan il-pjan għandha tiġi ċċarata wkoll.
- (5) Il-Bord ta' Ġestjoni tan-Netwerk għandu jingħata parir dwar kwistjonijiet operattivi mill-manijers eżekuttivi tal-partijiet interessati operattivi.
- (6) Il-Bord ta' Ġestjoni tan-Netwerk għandu jistabbilixxi definittivament il-programm ta' ħidma multiannwali tal-Maniġer tan-Netwerk u l-Pjan għall-Prestazzjoni tan-Netwerk, fuq il-bażi tal-abbozzi ppreparati mill-Maniġer tan-Netwerk. Il-Pjan għall-Prestazzjoni tan-Netwerk wara jrid jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni, skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 390/2013 <sup>(4)</sup>. Il-Bord ta' Ġestjoni tan-Netwerk għandu wkoll jagħti l-opinjoni tiegħu dwar funzjonijiet addizzjonali li jistgħu jiġu fdati lill-Maniġer tan-Netwerk u dwar arranġamenti ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi.
- (7) Sabiex ikunu jistgħu jnaqqsu l-impatt ta' kriżi fin-netwerk, iċ-Ċellula Ewropea ta' Koordinazzjoni tal-Kriżijiet fis-Settur tal-Avjazzjoni (European Aviation Crisis Coordination Cell — EACCC) għandha tkun f'kuntatt ma' netwerk ta' punti fokali tal-Istat u għandha twettaq eżerċizzji ta' kriżi biex tiġi antiċipata kriżi tan-netwerk f'ħin reali.
- (8) Il-baġit tal-Maniġer tan-Netwerk għandu jkun tali li jippermetti lill-Maniġer tan-Netwerk jilħaq il-miri identifikati fl-iskema tal-prestazzjoni u jimplementa l-programm ta' ħidma tiegħu. Il-baġit għandu jkun identifikabbli b'mod separat mill-bqija tal-baġit tal-korp maħtur biex jaġixxi bħala l-Maniġer tan-Netwerk fejn dak l-korp iwettaq xi attività oħra.

<sup>(1)</sup> ĠUL 96, 31.3.2004, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠUL 96, 31.3.2004, p. 20.<sup>(3)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 677/2011 tas-7 ta' Lulju 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-funzjonijiet tan-netwerk tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM) u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 691/2010 (ĠU L 185, 15.7.2011, p. 1).<sup>(4)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 390/2013 tat-3 ta' Mejju 2013 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u għall-funzjonijiet tan-netwerk (ĠU L 128, 9.5.2013, p. 1).

- (9) Għalhekk, ir-Regolament (UE) Nru 677/2011 għandu jiġi emendat skont dan.
- (10) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Ajru Uniku stabbilit bl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 677/2011 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 4, il-paragrafu 1 hu emendat kif ġej:

(a) Il-punt (i) jinbidel b'dan li ġej:

“(i) jappoġġa lill-partijiet interessati operattivi differenti fl-eżekuzzjoni tal-obbligi mogħtija lilhom, fl-użu ta' sistemi tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u/jew tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru (ATM/ANS) u proċeduri skont il-pjan regolatorju tal-ATM, b'mod partikolari l-proġetti komuni speċifikati fl-Artikolu 15a(3) tar-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*);

(\*) Ir-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fl-Ajru Uniku Ewropew (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 10).”

(b) jżiedu l-punti (l) sa (q) li ġejjin:

“(l) jiżviluppa u jżomm programm ta' ħidma u baġit assoċjat li jipprovdu dimensjoni pluriannwali;

(m) jikkontribwixxu għall-użu tas-SESAR skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 409/2013 (\*), b'mod partikolari tal-Artikolu 9(7)(a) tiegħu;

(n) jeżegwixxi l-programm ta' ħidma u l-baġit annwali;

(o) ifassal Pjan għall-Prestazzjoni tan-Netwerk skont l-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 390/2013;

(p) jidentifika l-perikli għas-sikurezza operattiva fil-livell tan-netwerk u jivvaluta r-riskju għas-sikurezza tan-netwerk assoċjat;

(q) jipprovdi lill-Kummissjoni b'sistema ta' allert jew twissija, ibbażata fuq l-analiżi tal-pjanijiet tat-titjriet, sabiex jimmonitorja l-konformità ma' projbizzjonijiet operattivi imposti fuq it-trasportaturi tal-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*\*), u/jew ma' miżuri oħra ta' sikurezza u sigurtà.

(\*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 409/2013 tat-3 ta' Mejju 2013 dwar id-definizzjoni ta' proġetti komuni, it-twaqqif ta' governanza u l-identifikazzjoni ta' inċentivi li jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-Pjan Regolatorju Ewropew għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru (ĠU L 123, 4.5.2013, p. 1).

(\*\*) Ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' kumpanniji tal-ajru li huma suġġetti għal projbizzjoni ta' operar fil-Komunità u li jinforma lill-passiġġieri tat-trasport bl-ajru dwar l-identità tal-kumpannija tal-ajru li topera, u li tħassar l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/36/KE (ĠU L 344, 27.12.2005, p. 15).”

(2) L-Artikolu 5 hu emendat kif ġej:

(a) Il-Paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

“2. Il-Pjan Strateġiku għan-Netwerk għandu jkun ibbażat fuq mudell indikattiv stabbilit fl-Anness IV. Dan għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004, wara l-approvazzjoni tal-abbozz tal-Pjan Strateġiku għan-Netwerk mill-Bord ta' Ġestjoni tan-Netwerk.”

(b) Jiddaħħal il-paragrafu 5 li ġej:

“5. Il-partijiet interessati operattivi għandhom iqisu l-Pjan Strateġiku għan-Netwerk.”

(3) Fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 14, tiżdied is-sentenza li ġejja:

“Għandu jiġi stabbilit grupp ta' ħidma magħmul mid-diretturi tal-operazzjonijiet tal-partijiet interessati operattivi u/jew rappreżentanti ta' assoċjazzjonijiet korrispondenti sabiex jipprovdi pariri operazzjonali lill-Bord ta' Ġestjoni tan-Netwerk.”

(4) L-Artikolu 16 hu emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 hu emendat kif ġej:

(i) Il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:

“(a) għall-approvazzjoni tal-abbozz tal-Pjan Strateġiku għan-Netwerk;”

(ii) Fil-paragrafu 1, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

“(o) għall-approvazzjoni tal-programm ta' ħidma msemmija fil-punt (l) tal-Artikolu 4(1) u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tiegħu;

(p) għall-approvazzjoni tal-Pjan għall-Prestazzjoni tan-Netwerk imsemmi fil-punt (o) tal-Artikolu 4(1);

(q) għall-għoti ta' opinjoni dwar funzjonijiet addizzjonali possibbli li jistgħu jiġu attribwiti lill-Maniġer tan-Netwerk b'applikazzjoni tal-Artikoli 6(3) jew 6(4)(c) tar-Regolament (KE) Nru 551/2004;

(r) għall-approvazzjoni tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni msemmija fl-Artikolu 22.”

(b) Il-paragrafu 8 jinbidel b'dan li ġej:

“8. Id-deċizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (d), il-punti (g), (i), (l), (m), u (o) sa (r) għandhom jiġu adottati mill-Bord ta' Ġestjoni tan-Netwerk b'maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu.”

(5) Fl-Artikolu 18, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

“2. Il-membri permanenti tal-EACCC għandu jikkonsisti minn rappreżentant wieħed tal-Istat Membru li jkollu l-Preżidenza tal-Kunsill, mill-Kummissjoni, mill-Aġenzija, mill-Eurocontrol, mill-Maniġer tan-Netwerk, mill-militar, mill-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru, mill-ajruporti u mill-utenti tal-ispazju tal-ajru.”

(6) Fl-Artikolu 19, il-paragrafu 2 hu emendat kif ġej:

(a) Il-punt (b) jinbidel b'dan li ġej:

“(b) għall-appoġġ tal-attivazzjoni u l-koordinazzjoni tal-pjanijiet ta' kontinġenza fil-livell tal-Istati Membri b'mod partikolari permezz ta' netwerk ta' punti fokali tal-Istat;”

(b) Jiżdied il-punt (f) li ġej:

“(f) għall-organizzazzjoni, l-iffaċilitar u/jew it-tweqqif ta' programm miftiehem ta' eżerċizzji ta' kriżi li jinvolvu l-Istati Membri u l-partijiet interessati operattivi biex jantiċipaw kriżi tan-netwerk f'ħin reali.”

(7) L-Artikolu 22 jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 22

### **Relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi**

1. Pajjiżi terzi, flimkien mal-partijiet interessati operattivi tagħhom, jistgħu jieħdu sehem f'fidmet il-Maniġer tan-Netwerk.

2. Il-Maniġer tan-Netwerk tista', fejn ikollu impatt dirett fuq il-prestazzjoni tan-netwerk, jidħol f'arranġamenti kooperattivi ma' fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru stabbiliti f'pajjiżi terzi oħra barra dawk definiti fl-Artikolu 2(21) fir-reġjuni tal-ICAO EUR u AFI.

3. Sabiex jaqdi aħjar il-funzjoni tal-ATFM imsemmija fl-Artikolu 3(5), il-Maniġer tan-Netwerk jista', fejn ikollu impatt dirett fuq il-prestazzjoni tan-netwerk, jidħol ukoll f'arranġamenti ta' kooperazzjoni ma' fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru li joperaw f'reġjuni oħra barra dawk ir-reġjuni ICAO EUR u AFI dment li l-attivitàjiet ta' kooperazzjoni huma relatati direttament mat-titjib tal-prestazzjoni tan-netwerk.”

(8) L-Artikolu 23 jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 23

### **Iffinanzjar u baġit tal-Maniġer tan-Netwerk**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiffinanzjaw il-funzjonijiet tan-netwerk li jkunu fdati f'idejn il-Maniġer tan-Netwerk fuq il-bażi tat-tariffi tan-navigazzjoni tal-ajru. Il-Maniġer tan-Netwerk għandu jistabbilixxi l-ispejjeż tiegħu b'mod ċar u trasparenti.

2. Il-baġit tal-Maniġer tan-Netwerk għandu b'mod partikolari:
  - (a) ikun adegwat biex ikun jista' jilħaq il-miri ta' prestazzjoni għall-Maniġer tan-Netwerk skont l-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 390/2013;
  - (b) ikun adegwat biex ikun jista' jimplementa l-programm ta' ħidma tal-Maniġer tan-Netwerk kif imsemmi fl-Artikolu 4(1)(l) ta' dan ir-Regolament;
  - (c) ikun stabbilit f'kontinwità separati fejn il-korp maħtur biex jaġixxi bħala l-Maniġer tan-Netwerk iwettaq attivitajiet barra dawk imsemmija fl-Artikolu 4.
3. Jekk il-baġit tiegħu għas-sena kurrenti ma jiġix approvat, il-Maniġer tan-Netwerk għandu japplika l-miżuri xierqa biex jiżgura mekkaniżmi ta' emerġenza għall-kontinwità tas-servizz tal-funzjonijiet tan-netwerk."

#### Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Settembru 2014.

Għall-Kummissjoni  
Il-President  
José Manuel BARROSO